**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**LAQGĦA NUMRU SITTA U ERBGĦIN**

**17 ta' FRAR, 2014**

Il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, l-Viċi Chairperson Maria Schembri u l-membri Joseph D'Amato, Annetto Bugeja u Joseph Caruana.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ppresjeda l-laqgħa.

**46.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti numru 45 u tal-laqgħa annwali.***

46 .1.1 Il-minuti tas-seduta 45, u dawk tal-laqgħa annwali ġew apporvati.

***46.2*** ***Komunikazzjoni miċ-Chairperson***

46.2.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li fi Triq Dun Nard Mallia k/m Triq Dun Gejt Muscat joqgħod ħafna ilma. Kien hemm qbil li l-Kumitat Amministrattiv jikkomunika mal-Perit Anthony Bezzina li ħa ħsieb ix-xogħol fit-triq imsemmija u peress li għadha taħt garanzija, jintalab li x-xogħol ikun irranġat.

46.2.2 Il-membru Joseph Caruana qal li fi Triq ta' Ciantar fil-parti fejn il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra għamel it-tarmakk, hemm bżonn li ssir *drop kerb* quddiem il-garaxxijiet biex ikunu aċċessibli.
Kien hemm qbil li ssir l-ordni għax-xogħol.

46.2.3 Kien hemm qbil li ssir *drop kerb* oħra fi Triq Fortunato Dalli fejn hemm binja ġdida.

46.2.4 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li l-Kumitat Amministrattiv irċieva stedina biex jattendi għall-għoti ta' fondi re: Skema ta' finanzjament għall-attivitajiet Kulturali. Dan ifisser li għat-tielet sena konsekuttiva, l-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra ser jerġa jieħu fondi biex jorganizza attivita'.

### *46.3 Budget 2014*

46.3.1 Ic-Chairperson Pierre Farrugia qal li llum wasal il-budget għas-sena 2014 li jammonta għal €137,141. Dan iffisser €205 anqas mis-sena 2013.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li total tal-ammont fil-bank sal-aħħar tas-sena 2013, kien jammonta għal €52,896, fejn ġibded l-attenzjoni li kien hemm pagamenti li għadhom ma ssarfux.

### *46.4 Imenti u Suġġerimenti*

46.4.1 Il-membru Joseph D'Amato rrapporta Tow Truck li ta' sikwiet qed ikun ipparkjat fi Vjal l-Indipendenza (viċin Triq Fortunato Dalli) f'żona no parking. Dan qed ikun ta' ostaklu għat-traffiku. Barra minhekk qed ikun hemm crane li jaħdem faċċata tiegħu u b'hekk it-triq tidjieq ħafna.

Kien hemm qbil li jintbagħat pulizija biex iwissi biss.

46.4.2 Il-membru Annetto Bugeja qal li x-xogħol ta' restawr fuq l-istatwa ta' Santa Marija mill-bidu kien jidher li sar ħażin u issa l-materjal kollu tfarfar.

Kien hemm qbil li l-Kumitat jikkomunika mal-kuntrattur Agius li ħadem fuq l-istatwa u jagħmel appuntament miegħu fir-rigward.

46.4.3 Kien hemm qbil li l-Kumitat ifakkar lill-Perit Lewis fuq *bore holes* fi Vjal l-Indipendenza, minħabba l-problema tal-ilma.

46.4.4 Il-Viċi Chairperson Maria Schembri semmiet li hemm bżonn li jsir qtugħ ta' ħaxix fi Triq Bubaqra k/m Vjal l-Indipendenza u Triq Kalanġ Bubgeja.

Kien hemm qbil li ssir l-ordni għax-xogħol.

46.4.5 Il-membru Joseph Caruana qal li hemm bżonn li qabel ma jkun issiljat ix-xogħol ta' patching li sar, il-kumpanija ma titħallasx.

46.4.6 Kien hemm qbil li tinġieb stima biex issir il-manutenzjoni li hemm bżonn fid-dawl dekorattiv tal-Milied f'Bubaqra, minħabba l-ħsara li saret bil-maltemp.

***46.5 Appuntament għas-Seduta li jmiss***

46.5.1 Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tnejn 24ta' Marzu, 2014 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa intemmet b'dan il-punt fuq l-aġenda fis-7.25pm.

Konfermati, illum ___ ta' Marzu, 2014.

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**